# 127. Ix-Xiħ u l-Qanpiena

Iskot, qanpiena ċkejkna
li tnaqqar għall-quddies,
fis-skiet u l-frisk tal-għodwa
tinfed widnejn in-nies!

Ħo sodda ġewwa għorfa
hemm xwejjaħ wisq marid,
u biex jiġi sal-knisja
itir mis-sodda jrid.

’Mma siequ m’għadhiex trieġi,
u n-nifs mifluġ qasir,
u mingħajr dawn il-ġwienaħ
l-għasfur kif jista’ jtir?

U qed jiftakar meta
kellu saħħa ta’ ljun,
u malli jisma’ leħnek
jaqbeż mill-marqad sħun,

U jiġi għall-quddiesa
bil-ħobż misrur f’maktur
taħt idu, u malli jisbaħ
qajl qajl għax-xogħol imur...

Iskot, qanpiena ċkejkna,
waqqaf dak it-tnewwieħ!
ma tafx li bħal pinzetta
qed tinfed qalb ix-xiħ?